MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 299/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Mario u Dorothy konjugi Buontempo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm686.56), skond seba' kambjali li gew iffirmati minnhom u li skadew fit-18 ta' Lulju, 18 ta' Awissu, 18 ta' Settembru, 18 ta' Ottubru, 18 ta' Novembru u 18 ta' Dicembru 2002 u fit-18 ta' Jannar 2003 u li baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti.

Ra n-nota guramentata pprezentata mill-avukat Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm686.56), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------